21 ta’ Settembru 2023
Għall-attenzjoni tiegħek: WHO CA+ (it-Trattat tal-Pandemija) qed jiġi introdott f'194 pajjiż.

Dr Fearne, Viċi Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa,
F’jum l-Indipendenza, niktbulek bi tħassib serju dwar ir-rwol doppju li se tkun responsabbli għaliħ fit-tmexxija tal-ħatra l-ġdida tiegħek bħala President tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa 77 f’ Mejju 2024 u l-kunflitt li naturalment se jkun hemm f'sitwazzjoni bħal din.

Fil-kapaċità tiegħek bħala President tal-WHA77 inti se tkun responsabbli għall-adozzjoni tal-emendi proposti għar-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa 2005 (IHR) u għall-approvazzjoni ta’l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) li pproponiet CA+ (magħruf ukoll bħala Trattat tal-Pandemija). Kull waħda minn dawn id-deċiżjonijiet li għandhom jiġu approvati se jirriżultaw f'bidla sostanzjali ħafna għall-governanza tas-saħħa pubblika globali li se ddgħajjef permanentement,saħansitra se tneħħi anki s-sovranità nazzjonali f’kas ta’emerġenza tas-saħħa(ippjanata, perċepita, simulata jew mod ieħor) u l-għoti tas-sovranità ta’pajjiżna lill-WHO (għall-benefiċċju tal-isponsors u l-finanzjaturi tiegħu).

Fil-kapaċità tiegħek ta’ Viċi Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa inti responsabbli li tipproteġi il-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll is-Saħħa u l- Liberta’ tal-poplu tagħha.

Ma nistgħux inħallu istituzzjoni li ma tiġix eletta mill-poplu tiddikjara emerġenza bbażata fuq sempliċi suspett ta’ riskju potenzjali u li thedded is-saħħa u l-libertajiet tagħna. Il-WHO mhijiex organizzazzjoni eletta demokratikament u dawk li jieħdu deċiżjonijiet ma jagħrfux responsabbilta ta’għemilhom,għalhekk ma jistgħux jinżammu responsabbli. F'demokrazija, dawk li jfasslu l-politika jeħtieġu li jkunu eletti demokratikament u jkunu miżmuma responsabbli.

B'differenza mid-WHO, int ma tistax tiċħad ir-responsabbiltà tiegħek fil-kas ta’ negliġenza volontarja u kondotta ħażina f’dak li jmur kontra il-Kostituzzjoni ta’ Malta u ma jkunx fl-interess tal-poplu ta’ Malta. Għalhekk nitolbuk li żżomm ma dak li hu sewwa u xieraq għall-Ġid tan-Nazzjon tagħna.

Min jibqa’ sieket huwa kompliċi

Ġentilment nitolbuk tweġiba sat-28 ta' Settembru 2023 għax wara din id-data se nippubblikaw din l-ittra biex ngħarrfu lill-pubbliku li inti mgħarraf sew b’dak li qed jhedded lil Malta u l-poplu tagħha.

Iffirmata minn Maltin Imħassbin u Residenti Barranin